DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 27/2010

tat-12 ta' Marzu 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) u l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 30/2009 tat-17 ta' Marzu 2009 ([1]).

(2) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 150/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 ([2]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 303/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-rikonoxximent reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji u persunal fir-rigward ta' tagħmir fiss ta' refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana li fih ċerti gassijiet serra fluworinati ([3]) għandu jiġi inkorporat fl-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji u tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar u ma' pompi tat-tifi tan-nar li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati ([4]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti gassijiet serra fluworinati minn tagħmir għat-tqassim tal-elettriku (switchgear) b'vultaġġ għoli ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 306/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti solventi b'bażi ta' gass serra fluworinat mit-tagħmir ([6]) kif korretti mill-ĠU L 280, 23.10.2008, p. 38, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 307/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' taħriġ u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku tal-attestazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' kondizzjonament tal-arja li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-format għan-notifika tal-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni tal-Istati Membri ([8]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dawn il-punti li ġejjin għandhom ikunu miżjuda wara l-punt 9bc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007) tal-Kapitolu XVII tal-Anness II mal-Ftehim:

"9bd. **32008 R 0303**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 303/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-rikonoxximent reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji u persunal fir-rigward ta' tagħmir fiss ta' refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana li fih ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 3).

([1]) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 23.
([2]) ĠU L 62, 11.3.2010, p. 51.
([3]) ĠU L 92, 3.4.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 92, 3.4.2008, p. 12.
([5]) ĠU L 92, 3.4.2008, p. 17.
([6]) ĠU L 92, 3.4.2008, p. 21.
([7]) ĠU L 92, 3.4.2008, p. 25.
([8]) ĠU L 92, 3.4.2008, p. 28.

9be. **32008 R 0304**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji u tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar u ma' pompi tat-tifi tan-nar li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 12).

9bf. **32008 R 0305**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti gassijiet serra fluworinati minn tagħmir għat-tqassim tal-elettriku (switchgear) b'vultaġġ għoli (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 17).

9bg. **32008 R 0306**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 306/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti solventi b'bażi ta' gass serra fluworinat mit-tagħmir (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 21), kif korretti mill-ĠU L 280, 23.10.2008, p. 38.

9bh. **32008 R 0307**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 307/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' taħriġ u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku tal-attestazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' kondizzjonament tal-arja li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 25).

9bi. **32008 R 0308**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-format għan-notifika tal-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni tal-Istati Membri (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 28)."

Artikolu 2

Il-punti li ġejjin għandhom jiġi inklużi wara l-punt 21aqc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/2007) tal-Anness XX tal-Ftehim:

"21aqd. **32008 R 0303**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 303/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni ta' kumpaniji u persunal fir-rigward ta' tagħmir fiss ta' refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana li fih ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 3).

21aqe. **32008 R 0304**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 304/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpaniji u tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi stazzjonarji ta' protezzjoni min-nar u ma' pompi tat-tifi tan-nar li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 12).

21aqf. **32008 R 0305**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti gassijiet serra fluworinati minn tagħmir għat-tqassim tal-elettriku (switchgear) b'vultaġġ għoli (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 17).

21aqg. **32008 R 0306**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 306/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi u l-kundizzjonijiet għall-għarfien reċiproku għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal li jkun qed jagħmel xogħol ta' rkupru ta' ċerti solventi b'bażi ta' gass serra fluworinat mit-tagħmir (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 21), kif koretti mill-ĠU L 280, 23.10.2008, p. 38.

21aqh. **32008 R 0307**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 307/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' taħriġ u l-kondizzjonijiet għall-għarfien reċiproku tal-attestazzjonijiet ta' taħriġ tal-persunal f'dak li għandu x'jaqsam ma' sistemi ta' kondizzjonament tal-arja li fihom ċerti gassijiet serra fluworinati f'vetturi bil-mutur (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 25).

21aqi. **32008 R 0308**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2008 tat-2 ta' April 2008 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-format għan-notifika tal-programmi ta' taħriġ u ċertifikazzjoni tal-Istati Membri (ĠU L 92, 3.4.2008, p. 28)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 303/2008, (KE) Nru 304/2008, (KE) Nru 305/2008, (KE) Nru 306/2008, fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-13 ta' Marzu 2010 sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 ([9]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.

([9]) ĠU L 339, 18.12.2008, p. 100.